Avviz Numru CCT 220/13/GB

**Dorianne Agius**

**vs**

**Martin Vella**

Illum 9 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Ottubru, 2013, fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sebgha mitt Ewro (€700.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal bieb, li nxtara minghand l-intimat, liema bieb kien difettuz.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob jew li jinbidel il-bieb ma' wiehed ġdid, jew li tinghata l-flus lura.

Ix-xoghol tal-bieb ma huwiex sodisfaċenti – xambrelli mkissrin, blata qasira, xquq miftuhin, panewijiet mhux invell, stock ma' kullimkien u mwahhal mhux invell.

Ir-rikorrenti kienet avżat lill-intimat b'dawn id-difetti u wara hafna, huwa kien mar jipprova jsewwieh, pero' il-bieb spiċċa ġabu aghar milli kien.

Ir-rikorrenti anke ġabet mastrudaxxa iehor sabiex tiehu parir professjonali minghandu, u dan ukoll qal li x-xoghol ma kienx aċċettabbli.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

1. Fuq bażi preliminari, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi michuda u dana peress illi l-konsumatur ma jistax jitlob rimedji minnha pretiz u dana stante li hija naqset li tottempora ruħha mal-Artikolu 79 (1) u (2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta bin-nuqqas ta' konformita' allegata u dana peress illi r-rikorrenti ma avzatx bil-miktub (ossija permezz ta' att ġudizzjarju u/jew ittra reġistrata) lill-intimat fi żmien xahrejn bl-allegat difett.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tar-rikorrenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti u skond ma talbet ir-rikorrenti.

3. Illi l-esponenti ma għandux ibagħti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni tagħha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bħala Dok.DA1; flimkien ma' sett ta' sbatax (17)-ir-ritratt, li gie mmarkat bħala Dok.DA2.

Xehed Louis Agius, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata tiegħu huwa kkonferma l-verzjoni tar-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota illi fuq suġġeriment tiegħu stess, u bi ftehim bejn il-partijiet, fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2014, il-partijiet kellhom jiltaqgħu fuq il-post sabiex l-intimat jerga' jara l-bieb in kwistjoni u dana in vista tal-possibilta' ta' tranżazzjoni.

It-Tribunal jinnota wkoll illi fl-udjenza sussegwenti, u cioe' dik tal-25 ta' Gunju 2014, l-intimat debitament notifikat u msejjah tliet darbiet baqa' ma deherx, u r-rikorrenti nformat lit-Tribunal illi sa dik il-gurnata l-partijiet kienu għadhom lanqas biss iltaqgħu.

Illi b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-intimat, it-Tribunal jinnota illi l-ebda wieħed mill-partijiet ma ressaq provi dwar din l-eccezzjoni. Illi għalhekk di l-eccezzjoni ma ġietx sostanzjata u t-Tribunal jkollu jichadha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat jieħu lura l-bieb in kwistjoni u jipprovdi lir-rikorrenti bi bieb ġdid u mahdum skond is-sengħa u l-arti u jinstalla l-istess kollox a spejjez tiegħu, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat. It-Tribunal ma jistax ma jikkummentax dwar il-mod deplorevoli kif l-intimat gab ruħu sia fil-konfront tat-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruħu jidher għall-udjenza tal-25 ta' Gunju 2014, u sia fil-konfront tar-rikorrenti, billi ma għamilx l-isforzi neċessarji sabiex jerga' jmur jara l-bieb in kwistjoni, hekk kif kien gie miftiehem bejn il-partijiet, u għalhekk, wara li

ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrent bhala danni morali ghall-ansjeta' u l-inkonvenjenza kkawzata lilu mill-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**